Bniedem

Dan l-artiklu dwar il-bijoloġija huwa nebbieta.
Jekk trid, tista' tikkontribwixxi issa (https://mt.wikipedia.org/w/index.php?title=Bniedem&action=edit) biex ittejjeb dan l-artiklu, dejjem skont il-konvenzjonijiet tal-Wikipedija.

Il-**Bnedmin** (*Umani*) huma primati fl-ispeċi Homo sapiens (bil-Latin; 'Raġel għaref'), fil-ġeneru mammiferi, fil-klassi Mammalia, fil-familja Hominidae.

Bniedem

L-Umani għandhom moħħ żviluppat ħafna li jippermetti raġunamenti astratti, il-lingwa u introspezzjoni (li tikkuntempla lilek innifsek, u mhux tosserva madwarek biss). Dan, flimkien ma' ġisem wieqaf li jippermetti l-użu ħieles tal-idejn ippermetta lil bnedmin sabiex jagħmlu użu kbir ta' għodod.

Bħal ħafna primati oħra, l-umani huma ta' natura soċjali u jħobbu joqogħdu miġburin flimkien. Barra minn hekk, kapaċi jużaw ħafna tipi ta' kommunikazjoni. Il-bnedmin, matul is-snin u jibqgħu fil-futur, jikkreaw strutturi soċjali kumplessi magħmula minn gruppi ta' individwi li jikkooperaw flimkien u jikkompetu ma' xulxin. Id-daqs ta' dawn il-gruppi jvarja minn ftit individwi għal nazzjonijiet sħaħ b'miljuni ta' nies. It-taħlit bejn dal-gruppi ħoloq matul iż-żminijiet varjeta' kbira ta' tradizzjonijiet, ritwali, etika, valuri, użanzi, normi soċjali u liġijiet li kollha jiffurmaw l-bażi tas-soċjetà umana.

Miksub minn "https://mt.wikipedia.org/w/index.php?title=Bniedem&oldid=247618"

L-aħħar bidla fuq il-paġna: 06:29, 10 Set 2016.

It-test huwa disponibbli taħt il-Liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike; jistgħu japplikaw xi kundizzjonijiet oħra. Ara l-kundizzjonijiet tal-użu għal aktar dettalji.